

**MEDIA 2007 – ŻVILUPP, DISTRIBUZZJONI, PROMOZZJONI U TAĦRIĠ****Sejħa Għall-proposti – EACEA/17/12****Assistenza għan-netwerking ta' swali taċ-ċinema li juru films Ewropej – "Netwerk taċ-Ċinema"**

(2012/C 135/08)

**1. Obiettivi u deskrizzjoni**

Dan l-avviż ta' sejħa għall-proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

L-għanijiet speċifiċi huma:

- Li titjeb iċ-ċirkolazzjoni ta' films Ewropej mhux nazzjonali fis-suq Ewropew u dak internazzjonali b'miżuri ta' inċentivi għall-esportazzjoni, id-distribuzzjoni fuq kwalunkwe mezz u l-wiri fis-swali taċ-ċinema
- Li jiġi mħeġġeġ il-wiri ta' films Ewropej mhux nazzjonali fis-suq Ewropew, b'mod partikolari permezz ta' sostenn ipprovdut għall-koordinazzjoni ta' netwerk taċ-ċinema.

Is-Sejħa għal Proposti EACEA/17/12 toffri Ftehim ta' Sħubija Qafas ta' sentejn.

**2. Applikanti eliġibbli**

Dan l-avviż huwa mmirat lejn is-swali taċ-ċinema Ewropej li huma raggruppati f'netwerk li l-attivitajiet tiegħu għandhom l-għan li jilħqu l-obiettivi msemmija hawn fuq.

Il-koordinatur (in-netwerk) u l-benefiċjarji (is-swali taċ-ċinema) għandhom ikunu proprjetà u jibqgħu l-proprjetà, kemm b'mod dirett kif ukoll b'maġġoranza ta' ishma, ta' ċittadini ta' pajjiżi li qegħdin jipparteċipaw fil-programm MEDIA u rreġistrati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea
- il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u l-Kroazja
- Il-Bosnja-Ħerzegovina (taħt il-kundizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteeċipazzjoni ta' dan il-pajjiż għall-programm MEDIA).

*Kobenefiċjarji:*

Huma eliġibbli bħala ko-benefiċjarji t-teatri indipendenti Ewropej.

Teatru indipendenti Ewropew huwa kumpanija, assoċjazzjoni jew organizzazzjoni bi skrin wieħed jew aktar ibbażata f'pajjiżi li qegħdin jipparteċipaw fil-programm MEDIA u li topera taħt l-istess isem tal-kumpanija. Il-wiri ta' films għandu jkun l-attività ewlenija tal-applikant jew tat-taqsima tal-organizzazzjoni li tapplika.

Huma eliġibbli biss dawk it-teatri indipendenti Ewropej:

- Li huma swali taċ-ċinema li juru l-films li jkun għadhom kemm haġġu (ixandru films Ewropej malli joħorġu, fi żmien massimu ta' tnax-il xahar wara l-ewwel ħruġ nazzjonali). Dawk is-swali taċ-ċinema li jiddedikaw massimu ta' 30 % tal-wirjiet tagħhom għal films retrospettivi jew li jkun reġgħu haġġu jistgħu jkun eliġibbli;
- Li jkun ilhom li fetħu għall-pubbliku għal mill-inqas sitt xhur;

- Li għandhom sistema ta' xiri ta' biljetti u dikjarazzjoni tad-dħul;
- Li għandhom mill-inqas skrin wieħed u 70 siġġu;
- Li kellhom mill-inqas 300 wirja fis-sena għas-swali taċ-ċinema bi skrin wieħed u 520 wirja fis-sena għas-swali taċ-ċinema li għandhom diversi skrins (swali taċ-ċinema li jaħdmu għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur fis-sena), u mill-inqas 30 wirja fix-xahar għas-swali taċ-ċinema tas-sajf/fil-beraħ (swali taċ-ċinema li jaħdmu għal inqas minn sitt xhur fis-sena);
- Li kellhom mill-inqas 20 000 spettatur fit-tnaħ-il xahar preċedenti.

Sabiex jissodisfaw, bħala grupp, il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija hawn fuq, diversi swali taċ-ċinema jistgħu jitħallew jiġbru flimkien ir-riżultati tagħhom. Iċ-ċirkostanzi li taħthom jista' jseħħ dan għandhom ikunu spjegati b'mod ċar mill-applikant fl-applikazzjoni tiegħu u fl-abbozz tal-linji gwida mehmuż.

#### Koordinatur:

In-netwerks taċ-ċinema għandhom ikunu eliġibbli bħala koordinatur.

In-netwerk taċ-ċinema huwa definit bħala grupp ta' swali taċ-ċinema li jiżviluppaw, permezz ta' entità ta' koordinazzjoni kkostitwita legalment, attivitajiet konġunti fil-qasam tal-wiri u tal-promozzjoni ta' films Ewropej. B'mod partikolari, din l-entità ta' koordinazzjoni għandha tiżgura sistema ta' komunikazzjoni u informazzjoni bejn is-swali taċ-ċinema.

Biex ikun eliġibbli, in-netwerk taċ-ċinema għandu jirrappreżenta mill-inqas 100 sala taċ-ċinema li tinsab f'mill-inqas 20 pajjiż li qegħdin jipparteċipaw fil-Programm MEDIA.

### 3. Azzjonijiet eliġibbli

Huma eliġibbli dawn l-azzjonijiet u l-attivitajiet tagħhom li jseħħu fil-pajjiżi MEDIA.

- Azzjonijiet li jkollhom l-għan li jippromwovu u juru films Ewropej
- Attivitajiet edukattivi li jkollhom l-għan li jissensibilizzaw liż-żgħażaġh li jmorru ċ-ċinema.
- Attivitajiet li jkollhom l-għan li jinkoraġġixxu u jakkumpanjaw l-introduzzjoni taċ-ċinema diġitali fost l-eżebituri
- Attivitajiet ta' netwerking: informazzjoni, animazzjoni u komunikazzjoni.

### 4. Kriterji għall-għoti

Il-punti se jiġu allokati minn total ta' 100 abbażi tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

In-netwerk	20 punt
L-istrategġija tad-distribuzzjoni u l-monitoraġġ tas-sostenn finanzjarju	20 punt
Kost-effettività	20 punt
Azzjonijiet komuni	20 punt
Udjenja żaġhżuġha	20 punt
TOTAL	100 punt

### 5. Baġit

Is-sejħa toffri ftehim ta' sħubija għal sentejn. Il-baġit massimu disponibbli taħt din is-sejħa għal proposti huwa ta' EUR 10 800 000 għall-ewwel sena.

Jintgħażel biss benefiċjarju wieħed.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja li tingħata hija sussidju. L-assistenza finanzjarja ma tistax taqbeż l-40 % tal-ispejjeż kollha eliġibbli.

#### 6. **Data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet**

Il-proposti għandhom jintbagħtu (data tat-timbru tal-posta) **sas-16 ta' Lulju 2012**.

Il-proposti għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency (EACEA)  
Mr Constantin DASKALAKIS  
BOUR 3/66  
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1  
1140 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Sejrin jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet sottomessi fuq il-formola oriġinali ta' applikazzjoni, iffirmata mill-persuna intitolata li tidħol f'impenji legalment vinkolanti fisem l-organizzazzjoni applikanta. L-enveloppi għandu jkollhom miktub fuqhom b'mod ċar:

#### **MEDIA programme — Distribution EACEA/17/12 — Cinema network**

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew b'email ma jiġux aċċettati.

#### 7. **Tagħrif sħiħ**

Il-linji gwida flimkien mal-forom tal-applikazzjoni jinstabu fl-indirizz elettroniku li ġej:

[http://ec.europa.eu/culture/media/programme/exhibit/schemes/network/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/culture/media/programme/exhibit/schemes/network/index_en.htm)

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fuq il-formoli pprovduti u għandu jkun fihom l-informazzjoni u l-annessi kollha mitluba.

---